**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1 / 2 / 3 /4

9 Leġiżlatura

Minuti Numru 78

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar

Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 78 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar l-Ħamis 23 ta' Mejju 2024, fil-5:30 pm. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu onlajn skont l-Artiklu 1 ta' Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fil-15 ta' Diċembru 2020.

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

Marico Sammut — 18 ta'Mejju, 2024
Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Daryl Connor — Kunsillier
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier
- Mary Borg — Kunsillier

Skużati

- Carlos Zarb — Viċi Sindku
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier
- Anne Marie Fenech — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Alfred Grima fil-17.30 hrs fejn sa dak il-ħin kien hemm 4 kunsilliera biss u għalhekk ma kienx hemm kworum. Il-kworum intlaħaq fil-17.45 hrs.

**78.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Il-kunsill irċieva notifika ta'apoloġija mingħand il-Viċu Sindku Carlos Zarb, il-Kunsilliera Paul Buġeja, Anthony Delia, Ann Fenech, Alfred Bray u Stephen Cremona.

**78.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru (77)**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija. Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni għal approvazzjoni tal-minuti bil-Kunsillier Chris Vella Vella jissekonda l-mozzjoni.
Il-minuti ġew approvati nem.con kif tressqu.

**78.3 Punti mill-Minuti**

Ma kienx hemm.

**78.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**Soċjeta Mużikali San Pawl il-Baħar**

Il-kunsill approva nem.com rikjesta tax-xiri ta' 3 bnadar inkluż il-poles tal-chrome biex jitpoġġew fiċ-ċentru l-ġdid tal-Qawra.

**Kollaborazzjoni mall-Għassa tal-Qawra**

Il-kunsill approva baġit massimu ta' €2,000 għall-manutenzjoni fl-Għassa tal-Qawra.

**Petizzjoni 55/0165/24**

B'referenza għal ittra li tinkludi petizzjoni l-kunsill kiteb lid-Direttur Ġenerali Diviżżjoni tal-Manutenzjoni u Indafa biex jittieħdu numru ta' azzjonijiet relatati maż-żona ta' taħt il-belvedere fi Triq San Franġisk.

**Klejms kontra l-kunsill**

Il-kunsill irriafferma d-deċiżżjoni tiegħu biex kull klejm kontra l-kunsill tibda tgħaddi mill-ewwel għand l-insurance u wara tittieħed azzjoni skond il-każ kemm il-darba l-ammont jaqbes it-€350.

**Każ Ta Fra Ben – Rik. Ġur 966/2009**

23 ta' Mejju 2024 – Invista tal-fatt li sa llum baqa' ma sar xejn rigward id-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell u minkejja li qedin jiddekorru l-imgħaxxijiet, l-avukat John Bonello f'isem il-kunsill kiteb b'mod uffiċċjali li partijiet l-oħra mdaħħla fil-kawża biex jinforma li l-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar huwa ntenzjonat jgħaddi biex jgħati l-kunsens tiegħu għall-iżbank da parti tal-attriċi tas-somma sekwestrata minnu in esekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1908/18 permezz taċ-ċedola numru 2393/18.

**Case 142/2012/1 Mifsud Jane vs Supretendent Tas-Saħħa Pubblika**

B'referenza għal dan l-appell l-avukat tal-kunsill Dr Amadeus Cachia ta' l-ispjegazzjoni tiegħu. Kien tal-parir li l-kunsill jistenna l-eżodu tal-każ għall-fatt li l-ispiżerija għada topera.

Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni, issekondata mill-Kunsillier Mario Salerno, biex il-kunsill jikteb uffiċċjalment lill-Ministru tas-Saħħa biex jintervjeni ħalli l-permess maħruġ għal unika spiżerija eżistenti f'Burmarrad ma jitreġġax lura. Dan b'rispett sħiħ lejn id-dritt tar-residenti f'Burmarrad li jkollhom aċċess adekwat għal spiżerija fil-komunita' ta' fejn jgħixu u abbażi li Burmarrad hu meqjus Hamlet, tant li kellu Kumitat Amministrattiv tiegħu. Il-kunsill approva nem.con.

**Struttura f'Buġibba Perched Beach - Nine Lives**

04/04/2024 il-kunsill irreġistra lment numru CM713/24 ma l-Awtorita ta' l-Ippjanar.
04/04/2024 is-Sindku Alfred Grima oġġezzjona għar-risposta ta' l-istess awtorita.
22/05/2024 l-Awtorità nfurmat li rċeviet applikazzjoni għal "*Sanctioning of temporary bar dispenser room, in addition to already approved bar in PA6778/20* u li ġaladarba l-applikazzjoni tiġi ppublikata, jistgħu jintbagħtu l-oġġezzjonijiet.

L-avukat tal-kunsill Dr Amadeus Cauchi intalab jagħti l-pariri tiegħu.

Il-kunsill qabel li tintbagħt ittra lill-Awtorita ta' l-Artijiet għall-fatt li l-illegalita taf qed tiġi estiża fuq art pubblika. Ittra uffiċċjali oħra tintbagħt lill-kumpanija DB.

**Appeal PAB 00202/23 (PC 0062/22) Struttura fi Triq tax-Xema**

*Shifting of building alignment on Sqaq Tax-Xama c/w Triq San Gwann Battista*

14 ta' Mejju 2024, il-Bord tat-Tribunal ta' Reviżżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar biddel, id-deċiżżjoni meħuda mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar biex l-istruttura f'nofs Triq tax-Xema li fuqa għanda ordni ta' infurzar tibqa fejn hi.

Is-Sindku Alfred Grima ippreżenta Stqarrija għall-Istampa 716/2018 maħruġa mill-Kunsill Ewropew fit-3 ta' Diċembru 2018. Iddikjara, li fl-opinjoni tiegħu id-deċiżżjoni meħuda njorat kompletament l-obligu li jittieħed kont sistematiku tal-persuni miexja, ċiklisti u utenti vulnerabbli oħra li jużaw it-triq inkwistjoni. Dan wassal biex dak li ġie deċiż:

1. Jimpinġi, fuq id-dritt ta' mijiet ta' tfal u ġenituri li ta' kuljum jużaw Triq tax-Xema biex imorru l-iskola bil-mixi.
2. Jesponi, lill-kunsill għal danni f'kaz ta' incident.
3. Jibgħat messaġġ skorret, li wieħed jista' jibni kif irid u jissanzjona wara.

L-avukat tal-kunsill Dr Amadeus Cauchi intalab jagħti l-pariri tiegħu.

Fuq il-parir ta' l-avukat l-kunsill approva, li mmedjatament jiġi ntavolat appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell. Din id-deċiżjoni timxi pari passu ma dak deċiż mill-kunsill fit-33 u 57 laqgħa tad-9 Leġislatura.

**Belvedere Triq San Pubbliju c/w San Franġisk**

Saret diskussjoni fejn ġie spjegat li wara li saru l-istudji neċessarji il-proġett seta' jitkompla. Il-Kunsill ser jitlob konferma ta' dan.

**78.5 Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti**

**Quarterly Financial Report 1 (2024)**

L-accountant ġdid tal-kunsill ta' spjega tar-rapport. Irrimarka, li l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill hi waħda b'saħħita fejn fil-bank hemm riservi ċirka €800,000 apparti €2 miljun oħra mwarrba għall-bini taċ-Ċentru Ċiviku. Ma tressqet l-ebda domanda.

Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni biex il-Quarterly Financial Report 1 jiġi

Approvat kif tressaq. Il-Kunsillier Antoinette Bezzina issekondat il-mozzjoni.
Il-kunsill approva nem.con.

**78.6 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma tressqet l-ebda mistoqsija mill-kunsilliera.

**78.7** Affarijiet Oħra

*78.7.1* **Tbattil ta' bin-on-wheels**

Il-kunsill approva x-xiri ta' servizz addizzjonali ta' tbattil ta' żewġ bin-on-wheels 5 t'ijiem fil-ġimgħa għall-prezz ta' €80 fix-xhar.

*78.7.2* **Servizz ta' kenniesa**

Il-kunsill approva x-xiri ta' servizz addizzjonali ta'4 kenniesa, bir-rata ndikata fit-tender tal-knis invigore.

**78.8 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/serviżż**
Ma kienx hemm x'jiġi approvat.

**78.9 Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-pagamenti**

Il-Kunsilliera Chris Vella Petroni u Daryl Connor ipproponew u ssekondaw rispettivament li l-iskeda tal-pagamenti tiġi approvata kif deċiż mill-kunsill.
Il-kunsill approva nem.con

**78.10 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fit-19.58 u aġġornata għat-**Tlieta 11 ta' Ġunju** 2024 fil-17.30 hrs.

**Approvati fil-11 ta' Ġunju, 2024**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Alfred Grima | Marico Sammut |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |